**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (12)

Ġimagħtejn ilu bdejna l-intervista ta' Karmenu Saliba (il-Krajm) li beda biex jgħidilna li kemm hu kif ukoll ħutu, fosthom Toni (il-Kejli) kienu jaqdfu ma' Marsamxett bejn iż-żewġ Gwerer Dinjija - fiż-żmien meta dan id-distrett beda jnaqqas il-qawwa tiegħu fit-Tiġrija tal-Vitorja.

Iżda kif nafu, Marsamxett, bħal kull distrett ieħor kellu s-snin tal-glorji tiegħu.

Sfortunatament sal-lum għandna f'idejna biss xi riżultati tal-bidu tas-seklu għoxrin, u għalhekk ma għandniex stampa ċara kemm realment dan id-distrett kien qawwi fl-aħħar snin tas-seklu 19. Matul l-intervista Karmenu Saliba tana ħjiel biss tal-superjoritá li dan id-distrett kien igawdi fuq id-distretti tal-Port il-Kbir qabel il-Gwerra l-Kbira ( 1914-1918). F'ħin minnhom lil Karmenu staqsejtu:

*Jgħidu li bejnkom u d-distretti tal-Kottonera kien hemm rivalitá kbira f'kull korsa, imma realment kienet kbira din il-pika?*

"... ħafna! Il-pika li qed issemmi int ma kinitx biss bejn il-qaddiefa taż-żewġ portijiet bħala distretti rivali fir-Regatta Nazzjonali, iżda anke bejn il-barklori f'dan il-Port - tal-Imsida kienu ppikkati ma' tal-Gżira, tas-Sliema ma' ta' San Ġiljan, imbagħad dawn kollha kienu ppikkati ma' tal-Belt ... kif għedtlek, kultant jiġi min jgħidli li dawn il-barklori kienu jġerru f'Isem Marsamxett minħabba l-biża' ta' xi vendikazzjoni .... Kull lokalitá kellha l-Ferilli u d-dgħajjes tagħha!

Din ir-rivaltá kienet tidher u tinħass f'diversi tiġrijiet li kienu jsiru fil-Port ta' Marsamxett fil-bidu tas-seklu għoxrin ... ma kinux tiġrijiet bħal tal-Vitorja, fihom kienu jsiru xi tliet jew erba' tiġrijiet, iżda jien dejjem nismagħhom jgħidu li dawn it-tiġrijiet kienu jsiru bħala preparazzjoni għat-tiġrija tal-Vitorja ... ir-rebbieħa ta' kull kategorija kien jingħataw tazza tal-fidda."

*Staqsejtu kif jippaguna l-qawwa ta' Marsamxett fis-snin imgħoddija mal-lum:*

" ... illum Marsamxett jitħabat ħafna biex forsi jirnexxielu jirbaħ palju tal-opri l-kbar ... dari l-istorja kienet differenti – Marsamxett kien jiddomina kull Regatta u wara konna nagħmlu festa kbira għax nirbħu tliet paljijiet tal-ewwel ... illum rari nirbħu palju tad-dgħajjes tal-Midalji jew ta' bl-Erbgħa, u wisq aktar tal-opri ż-żgħar ... m'iniex qed nesaġera ... int ġurnalist, mur id-dwana u fittex ir-riżultati u tara kemm Marsamxett kien b'saħħtu fit-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra l-kbira.

"Ħaġa waħda nitolbok - ippubblikom ħalli d-dilettanti Beltin ikunu jafu kemm Marsamxett kien jiddomina dawn it-tiġrijiet fl-antik ... meta jien kont żagħżugħ konna nirbħu tal-Ferilli u anke tal-Kajjikki t-twal – konna tajbin iżda f'din il-korsa l-Isla kienu aħjar minna. Bormla u l-Birgu kienu armati tajjeb fiha, iżda lill-Isla ma seta' jgħaddihom ħadd! Aħna kellna diversi Kajjikki, fosthom San Pawl, San Ġwann, Tumas, il-Baħri u ieħor Aħdar li sidu kien mill-Furjana. (dwar dan il-Kajjikk fl-1988 jien kont ċempilt lil Gorg Brydon u qalli li dan il-Kajjiki kien jismu San Pubbliju) ... nismagħhom jgħidu li darba erbaħna l-paljijiet kollha barra dak tal-Kajjikki t-twal li kien intrebaħ mill-Isla.

"Jgħidu li sal-Ewwel Gwerra Dinjija aħna konna niddominaw ta' bl-Erbgħa u ta' Bi Tnejn ... jien niftakar li zijuwi, Salvu Saliba, jirbaħ dan il-palju bid-dgħajsa tiegħu ... fil-korsa tal-Midalji konna superjuri, lilna ħadd ma seta' jżommna. F'din il-korsa d-distretti tal-Kottonera kienu armati tajjeb fiha, b'Bormla l-aħjar.

"Niftakar l-Isla kellhom ekwipaġġ żagħżugħ u li kieku ma faqqgħetx il-gwerra ma nafx min kien se jżommhom – lilna kienu rebħuna ... bejna u bejn Bormla kien hemm pika kbira f'din il-korsa, tant li kienet saret tiġrija kbira fil-Port ta' Marsamxett bejn id-dgħajsa tagħna Nazzarenu u tagħhom il-Kunċizzjoni - erbaħna aħna u magħha rbaħna kemxa flus.

"Wara l-Gwerra l-Kbira, Marsamxett ma baqax b'saħħtu daqs kemm kien qabel, minkejja li dejjem kien armat tajjeb f'kull tiġrija.



Tiġrija akkanita tad-dgħajjes b'erbat imqadef fis-snin 20

"Sfortunatament ma bqajniex nirbħu paljijiet, għajr dak tal-Ferilli 'A' li konna nġerru waħidna. Meta bdejna nissaħħu u nirbħu xi palju faqqgħet il-gwerra! Lilna l-gwerra farrkitilna l-opri kollha li kellna, u meta fl-1951 bdiet ir-Regatta ma konniex ippreparati għaliha ...

*Semmejtli li fil-Port ta' Marsamxett kienu jsiru tiġrijiet oħra ... min kien jieħu sehem f'dawn it-tiġrijiet?*

"... dawn it-tiġrijiet kienu jsiru qabel u anke wara l-Gwerra l-Kbira. Meta wara l-gwerra bdejna naraw li ż-żmien kien għaddej u r-Regatta ma setgħetx issir minħabba vapur imgħarraq f'nofs il-kanal, fl-1950, xi dilettanti Beltin, fosthom ċertu Ġużeppi Mercieca organizzaw tiġrija tad-dgħajjes fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Port ta' Marsamxett u għaliha attendew ħafna nies.

"Li kieku s-sena ta' wara (1951) il-gvern ma ntroduċix mill-ġdid it-Tiġrija tal-Vitorja, naħseb li din it-tiġrija kienet tibqa' ssir ta' kull sena.

Ħaġa tal-għaġeb, minkejja li aħna l-Beltin minn dejjem xtaqna norganizzaw tiġrija tad-dgħajjes fil-Port ta' Marsamxett, it-Tiġrja tal-Vitorja kienet għal qalbna ħafna għaliex fiha konna nġerru kontra l-aħjar qaddiefa tal-Port il-Kbir ... fuq kollox ir-Regatta Nazzjonali hi t-tiġrija tal-Maltin kollha u r-rivalitá u pika li kienet teżisti bejn il-qaddiefa taż-żewġ portijiet kienet tagħmilha aktar eċċitanti u mistennija minn sena għall-oħra...

*Għall-mistoqsija tiegħi jekk jiftakarx xi tiġrija akkanita bejn iż-żewġ portijiet, weġibni hekk:*

"... iva, kien hemm diversi tiġrijiet akkaniti bejna u d-distretti tal-Kottonera. Semmejtlek it-tiġrija tad-dgħajjes tal-Midalji li kienet saret fil-Port ta' Marsamxett f'Ottubru ta' l-1907.

Il-Bormliżi kienu jiftaħru li l-ekwipaġġ tagħhom kien aħjar minn tagħna ... ġerrejna u erbaħnieha aħna!

Din it-tiġrija kienet saret magħrufa bħala t-Tiġrija l-Imħatra.

Nismagħhom jgħidlu li kien hemm imħatra oħra kbira fuq il-Ferilli ma' l-Isla ... hemm min jgħid li din ma saritx għax il-Ferilla ta' l-Isla kienet eħfef minn tagħna ... iżda żgur li fl-imgħoddi kien hemm ħafna tiġrijiet oħra bejn iż-żewġ portijiet u li fihom kienu nvoluti l-flus ... fejn nidħol jien bħala qaddief, jien qdift kemm fil-Ferilli kif ukoll f'ta' bl-Erbgħa ... fis-snin 30 dħalna b'dgħajsa tal-Pass bl-ewwel tliet qaddiefa bil-qiegħda u l-poppier bil-wieqfa ... ħsiebna li b'dan il-mod se mmorru aħjar, iżda lanqas dħalna ...

*X'inhi r-raguni li l-qaddiefa ta' Marsamxett dejjem jitħarrġu f'Marsamxett u qatt ma jidħlu jieħdu t-triq fil-Port il-Kbir?:*

"... ġieli dħalna, iżda rari ħafna ... ma nafx għaliex, forsi minħabba l-biża' li jista' jinqala' xi ġlied ... fiż-żmien il-provi, il-Port il-Kbir ikun mimli nies, kemm fuq in-naħa tal-Belt kif ukoll il-Ponta tal-Isla.

Qabel il-gwerra żmien il-provi tad-dgħajjes il-Port il-Kbir kien ikun bħal festa ... jum wara l-ieħor sa lejlet il-Vitorja ... aħna ġieli dħalna, u magħna kienu jiġu ħafna partitarji.

Ma niftakarx li xi darba nqala' l-inkwiet waqt il-provi, iżda fir-Regatta kull sena ... aħna konna nidħlu l-port għar-reġistrazzjoni tad-dgħajjes, u biex kull opri tiġi spezzjonata mill-perit tal-dwana u wara tingħata s-sinjal.

Lanqas hawn ma niftakar li qatt nqala' nkwiet.

Minkejja li fir-Regatta aħna u tal-Isla konna qisna kelb u qattus minħabba r-rivalitá tagħna, ħafna mill-qaddiefa tagħhom kienu ħbieb tiegħi, u kull meta konna niltaqgħu konna nifirħu b'xulxin, iżda fir-Regatta konna ninsew il-ħbiberija tagħna u nissieltu sal-aħħar qadfa għall-palju.

Il-lum dan kollu spiċċa - Marsamxett għandu storja glorjuża f'dan it-tiġrijiet, iżda jiddispjaċini ngħid, li l-qaddiefa kollha ta' kull distrett m'għadx għandhom dik l-imħabba lejn il-lokalitá tagħhom bħalma konna aħna fi żmienna ... "

*Ikompli f'ħarġa oħra*